**Talbiet**

- tikkonstata li billi żamm derogi mill-miżuri intiżi sabiex jipprevjenu użu abbużiv ta' kuntratti għal żmien determinat suċċessivi mogħtija lill-ħaddiema intermittenti tal-ispettaklu, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt il-klawżola 5 tal-anness tad-Direttiva 1999/70/KE dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss [żmien determinat] konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP ([1]);
- tikkundanna lill-Gran Dukat tal-Lussemburgu għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Billi żamm derogi mill-miżuri intiżi sabiex jipprevjenu użu abbużiv ta' kuntratti għal żmien determinat suċċessivi mogħtija lill-ħaddiema intermittenti tal-ispettaklu, il-Lussemburgu kiser il-klawżola 5 tal-ftehim qafas.

Il-Kummissjoni tqis li għal din il-kategorija ta' ħaddiema, id-dritt Lussemburgiż ma jipprevedi ebda raġuni objettiva li tippermetti li jiġi pprevenut użu abbużiv tal-kuntratti għal żmien determinat suċċessivi, fatt li jikkostitwixxi ksur tal-klawżola 5(1)(a) tal-anness tal-ftehim qafas inkwistjoni.

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368.

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Högsta förvaltningsdomstolen (l-Isvezja) fit-23 ta' Mejju 2014 – Pensioenfonds Metaal en Technie vs Skatteverket

**(Kawża C-252/14)**

(2014/C 235/15)

*Lingwa tal-kawża: l-Isvediż*

**Qorti tar-rinviju**

Högsta förvaltningsdomstolen

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Pensioenfonds Metaal en Technie

*Konvenut:* Skatteverket

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 63 TFUE jostakola leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li d-dividendi mħallsa minn kumpannija residenti jkunu suġġetti għal taxxa f'ras il-għajn jekk l-azzjonist ikun resident fi Stat Membru ieħor meta, fil-każ ta' azzjonist resident, dawn id-dividendi jkunu suġġetti għal taxxa kkalkolata fil-forma ta' somma mħallsa f'daqqa fuq il-bażi ta' dħul fittizju li, matul iż-żmien, hija intiża li tikkorrispondi għat-tassazzjoni normali tad-dħul kollu mill-kapital?

---

## Rikors ippreżentat fit-28 ta' Mejju 2014 – Il-Parlament Ewropew vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**(Kawża C-263/14)**

(2014/C 235/16)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: R. Passos, A. Caiola, M. Allik, aġenti)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrent**

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/198/PESK, tal-10 ta' Marzu 2014, dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Unita tat-Tanzanija dwar il-kondizzjonijiet tat-trasferiment ta' pirati ssuspettati u proprjetà ssekwestrata assoċjata mill-forza navali mmexxija mill-Unjoni Ewropea lejn ir-Repubblika Unita tat-Tanzanija ([1]);

— tordna li l-effetti tad-deċiżjoni tal-Kunsill 2014/198/PESK, tal-10 ta' Marzu 2014, jinżammu sakemm tiġi ssostitwita;

— tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-Parlament Ewropew isostni li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/198/PESK, tal-10 ta' Marzu 2014, dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Unita tat-Tanzanija dwar il-kondizzjonijiet tat-trasferiment ta' pirati ssuspettati u proprjetà ssekwestrata assoċjata mill-forza navali mmexxija mill-Unjoni Ewropea lejn ir-Repubblika Unita tat-Tanzanija ma hijiex valida għaliex ma tirrigwardax esklużivament lill-politika barranija u ta' sigurtà komuni, kif jipprovdi espressament it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6) TFUE.

Il-Parlament Ewropew iqis li l-ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Unita tat-Tanzanija jirrigwarda wkoll il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u l-kooperazzjoni tal-pulizija u għalhekk ikopri oqsma li għalihom tapplika l-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

Konsegwentement, dan il-ftehim kellu jiġi konkluż fuq il-bażijiet legali sostantivi tal-Artikolu 37 TFUE u tal-Artikoli 82 u 88 TFUE, wara approvazzjoni mill-Parlament Ewropew skont l-Artikolu 218(6)(a) TFUE.

Għal dan il-motiv, il-Kunsill kiser it-Trattati billi ma għażilx il-bażi legali x-xierqa għall-konklużjoni tal-ftehim.

Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew iqis li l-Kunsill kiser l-Artikolu 218(10) TFUE għaliex ma informax lill-Parlament Ewropew b'mod sħiħ u mill-ewwel fl-istadji kollha tan-negozjati u dwar il-konklużjoni tal-ftehim.

Fl-ipoteżi li l-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni kkontestata, il-Parlament Ewropew jipproponi tal-inqas li hija teżerċita s-setgħa diskrezzjonali tagħha sabiex iżżomm l-effetti tagħha, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 264 TFUE sal-mument li tiġi ssostitwitha.

([1]) ĠU L 108, p. 1